

32003R2098

L 316/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.11.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2098/2003
tas-27 ta' Novembru 2003**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1080/2000 dwar l-appoġġ għall-Missjoni Temporanja tal-Ġnus
Magħquda fil-Kosovo (UNMIK) u l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli fil-Bosnija-Ħerzegovina (OHR)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 181a(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Patt ta' Stabbiltà għall-Ewropa tax-Xlokk (SP) hi kwadru ta' politika reġjonali li ġiet stabbilita mill-komunità internazzjonali f'Cologne fl-10 ta' Ġunju 1999 sabiex tapoġġja il-pajjiżi f'dak ir-reġjun fl-isforzi tagħhom biex jinkoraġġixxu l-paċi, d-demokrazija, r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prosperità ekonomika, u biex jilhq u l-istabbiltà fir-reġjun fl-intier tiegħu.
- (2) Il-Paragrafu 13 tal-SP jistipula li l-SP għandha jkollha kordinatur speċjali maħtur mill-Unjoni Ewropea, wara konsultazzjoni mall-President in Uffiċċju u parteċipanti oħra ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), u approvat uffiċjalment mill-President in Uffiċċju ta' l-OSCE. Disposizzjonijiet għandhom għalhekk jiġu magħmulha għal proċedura għall-ħatra ta' Kordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà.
- (3) Il-Kordinatur Speċjali jippresiedi l-grupp ta' diskussjoni reġjonali ta' l-Ewropa tax-Xlokk, li tassigura l-kordianzzjoni ta' attivitajiet ta' u fost tlett gruppjiet ta' diskussjoni. Il-Kordinatur Speċjali jippromwovi t-tiksib ta' l-għanijiet tal-SP fejn l-SP turi li għandha valur addizzjonali, bil-ħsieb li jinkoraġġixxi koperazzjoni reġjonali u li tkabar il-valur tas-sjeda reġjonali, u li tassigura l-komplimentarità bejn ix-xogħol tal-SP u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni ta' l-Unjoni.
- (4) Appoġġ finanzjarju għall-operazzjoni regolari tal-SP hu fattur importanti fil-kisba ta' l-għanijiet tal-Komunità Ewropea fir-reġjun, partikolarment fil-promozzjoni ta'

koperazzjoni reġjonali u l-aħjar użu ta' l-effettività ta' assistenza tal-Komunità.

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2000 ⁽²⁾ stabbilixxa kwadru legali li jista' jkopri wkoll l-appoġġ finanzjarju tal-Komunità lill-SP.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2000 għandu għalhekk jiġi emendat sabiex il-firxa ta' applikazzjoni tiegħu tiġi estiżi biex tinkludi l-SP,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2000 huwa b'hekk emendat kif ġej:

1. It-*Titolu* huwa mibdul b'dan li ġej:

“IR-REGOLAMENT tal-Kunsill (KE) Nru 1080/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 fuq l-appoġġ għall-Missjoni Temporanja tal-Ġnus Magħquda fil-Kosovo (UNMIK), l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli fil-Bosnija-Erzegovina (OHR) u l-Patt ta' Stabbiltà għall-Ewropa tax-Xlokk (SP)”.

2. L-*L-Artikolu 1* hu mibdul b'li ġej:

“*L-Artikolu 1*

1. Fil-kuntest tal-politika tagħha ta' rikostruzzjoni, għajna biex tassisti r-ritorn ta' refuġjati u persuni spjazzati u koperazzjoni ekonomika u reġjonali mal-Kosovo u l-Bosnija-Erzegovina, kif ukoll il-politika tagħha lejn ir-reġjun fl-intier tiegħu, il-Komunità għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-istabbiliment u operazzjoni tal-UNMIK (ir-raba' kolonna), l-OHR u l-Kordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà.

2. Dan il-finanzjament għandu jkun fil-forma ta' għotja lill-budgets ta' l-UNMIK, l-OHR u l-Kordinatur Speċjali.”

3. L-*Artikolu* li ġej ser jiddaħħal:

“*L-Artikolu 1a*

Il-Kordinatur Speċjali għandu jkun maħtur fuq bażi annwali mill-Kunsill li jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.”

⁽¹⁾ L-Opinjoni mogħtija fl-20 ta' Novembru 2003 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 122, ta' l-24.5.2000, p. 27.

4. Is-sentenza li ġejja hi miżjuda lill-Artikolu 2(2), it-tieni paragrafu:

“Ko-finanzjament in natura għandu jkun possibbli.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-27 Novembru 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

R. CASTELLI
